MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 90/2010

**X V**
**vs**
**T R**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fil-25 ta' Gunju 2005; li l-kunsens matrimonjali taghhom, jew min minnhom, kien ivvizzjat fit-termini tal-paragrafi [c][b][d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat lil-konvenut, debitament notifikat, ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fil-25 ta' Gunju 2005 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali taghhom kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

**Il-Fatti**
Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta pacifiku li l-partijiet izzewwgu fil-25 ta' Gunju 2005 meta allura, l-attrici cittadina Ingliza kellha 30 sena u l-konvenut, cittadin Malti kellu 34 sena, u wara li kienu ilhom jikkoabitaw flimkien circa hdax-il sena. Wara konvivenza matrimonjali ta' circa tlett snin il-partijiet isseparaw de facto u fis-17 ta' Frar 2009 iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali.

Ma twieldux tfal f' dan iz-zwieg.

*Verzjoni Attrici*
L-attrici tispjega li meta l-partijiet bdew johorgu flimkien, hi eventwalment dahhlet tghix mieghu fid-dar tal-genituri tieghu, fejn damu jghixu ghal circa hdax-il snin. F' dan il-perijodu huma kien ikollhom relazzjonijiet intimi regolari. Sussegwentement huma marru jghixu ghal rashom, u wara sena zzewwgu.

Tghid li, anke qabel iz-zwieg l-att taz-zwieg bejniethom kien sar "extremely infrequent", anke dovut ghal fatt li l-konvenut kien jixrob hafna. Tispjega kif darba meta huma kienu ghand il-hbieb taghhom dawna kienu ssuggerewlhom li jizzewwgu, u l-partijiet, tenut kont li hbiebhom kienu zzewwgu u kellhom anke t-tfal iddecidew li jizzewwgu. Fil-fatt izzewwgu fi zmien sitt xhur.

L-attrici tghid li, wara z-zwieg il-konvenut ma riedx jibdel l-istil ta' hajja tieghu, u x-xorb da parti tieghu beda jizdied; izda l-attrici riedet li dawn jibnu familja u jkollhom it-tfal, u ma rieditx tipposponi aktar stante li kienet qeda toqrob il-

wiehed u tletin sena, izda l-konvenut “he said he preferred to at the moment continue with his social life.”[1] Ir-riluttanza tieghu li jkollu tfal fiz-zwieg kompliet timmanifesta ruhha meta kien irrifjuta li jaghti kampjun sabiex isir test tal-isperm count tieghu. L-attrici tghid li kien f’ dan l-istadju, sena u nofs fil-konvivenza, li r-relazzjonijiet intimi ta’ bejniethom spiccaw ghal kollox; u wara konvivenza matrimonjali ta’circa tlett snin il-partijiet isseparaw de facto.

*Verzjoni Konvenut*
Illi in sostanza l-verzjoni tal-konvenut tikkonforta dik ta’ l-attrici. Rigward it-tfal fiz-zwieg dan jammetti li hu kien riluttanti li jkollhom it-tfal. Jghid li meta zzewwgu “I think we ended up both having our own different [aims]; she had one aim to start a family, and I didn’t have that. It wasn’t something I was really looking for.”[2] Jghid li qatt ma kien hemm perijodu fil-hajja matrimonjali li hu ried it-tfal

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi mill-provi akkwisiti l-Qorti hija tal-fehema li f’ dan il-kaz jikkonfigura fil-konfront tal-konvenut il-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [d] fuq citat, stante li l-konvenut bil-komportament tieghu, kemm qabel iz-zwieg, kif ukoll, u biz-zjed qawwa, wara z-zwieg, wera li hu kien inkapaci li jassumi l-obbligi tal-hajja matrimonjali naxxenti minn unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija tat-tfal. L-egojizmu tieghu fis-sens li, kuntent hu kuntent kulhadd, irrispettivament mill-obbligi matrimonjali tieghu, kien ta’ ostakolu serju sabiex il-partijiet jizviluppaw bejniethom fil-hajja konjugali taghhom kommunjoni ta’ hajja u mhabba.

Il-Qorti thoss li fil-verita’ dan iz-zwieg kien *non starter,* stante li sa minn qabel iz-zwieg, meta l-partijiet kienu jikkoabitaw flimkien, kien jidher car li l-konvenut, bil-komportament tieghu, ma kienx eligibbli ghaz-zwieg

[1] Fol.48
[2] Fol.69

minhabba l-inkapacita' tieghu li jassumi obbligi matrimonjali essenzjali ghal hajja konjugali.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-25 ta' Gunju 2005.

L-Ispejjez kollha jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------